



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11150/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0217 (NLE)

ECOFIN 675
FIN 698
UEM 209

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni) tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta'

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni) tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b' mod partikulari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”) minn Franza fit-28 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”)¹.
- (2) Skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għall-appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli ta’ kull Stat Membru trid tiġi aġġornata sat-30 ta’ Ġunju 2022 f’konformità mal-metodoloġija pprovduta fih. Fit-30 ta’ Ġunju 2022, il-Kummissjoni ppreżentat ir-riżultati ta’ dak l-aġġornament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.
- (3) Fl-20 ta’ April 2023, Franza ppreżentat RRP nazzjonali modifikat, inkluż kapitolu REPowerEU f’konformità mal-Artikolu 21c tar-Regolament (UE) 2021/241 lill-Kummissjoni.
- (4) L-RRP modifikat iqis il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata f’konformità mal-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241. Huwa jinkludi talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma jistax jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Il-modifiki għall-RRP ippreżentati minn Franza jikkonċernaw 30 miżura.

¹ Ara d-dokumenti ST 10162 2021 INIT u ST 10162 2021 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (5) Fit-12 ta' Lulju 2012, il-Kunsill indirizza rakkomandazzjonijiet lil Franza fil-kuntest tas-Semestru Ewropew. Il-Kunsill irrakkomanda li Franza, fost l-oħrajn, tipproċedi bl-implimentazzjoni tal-RRP tagħha, tespandi l-investment pubbliku tagħha għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, inkluż billi tagħmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza stabbilita bir-Regolament (UE) 2021/241 (il-Faċilità), u tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq il-fjuwils fossili, b'mod partikolari billi taċċellera l-użu ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli u tagħti spinta lill-effiċjenza enerġetika. Il-Kunsill irrakkomanda wkoll li Franza ssegwi politika fiskali li tikseb pożizzjonijiet fiskali prudenti fuq terminu medju, għall-perjodu lil hinn mill-2023, tirriforma s-sistema tal-pensjonijiet tagħha, tindirizza n-nuqqas ta' ħilet u l-isfidi speċifiċi fis-sistema edukattiva. Wara li vvalutat il-progress fl-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti mill-2019 u l-2020 fiż-żmien tal-preżentazzjoni tal-RRP nazzjonali modifikat, il-Kummissjoni tqis li r-rakkomandazzjonijiet 4.3 tal-2019 (trawwim tat-tkabbir tal-kumpaniji) u r-rakkomandsazzjoni 3.1 tal-2020 (l-aċċess tad-ditti għall-finanzi) ġew implimentati bis-sħiħ. Inkiseb progress sostanzjali fir-rigward tar-rakkomandazzjoni 1.4 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni 1.4 tal-2022 (ir-riforma tas-sistema tal-pensjonijiet), ir-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni 3.8 tal-2020 (l-investment fir-riċerka u l-iżvilupp), ir-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni 3.7 tal-2020 (infrastruttura diġitali), ir-rakkomandazzjoni 4.1 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni 4.3 tal-2020 (is-simplifikazzjoni tas-sistema tat-taxxa u t-tnaqqis tat-taxxi fuq il-produzzjoni), ir-rakkomandazzjoni 1.2 tal-2020 (ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa), ir-rakkomandazzjoni 2.1 tal-2020 u r-rakkomandazzjoni 2.2 tal-2020 (il-mitigazzjoni tal-impatt fuq l-impjiegi u soċjali tal-kriżi, inkluż permezz tal-promozzjoni tal-ħilet), ir-rakkomandazzjoni 3.2 tal-2020 u r-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2020 (l-antiċipazzjoni ta' proġetti ta' investment pubbliku maturi u promozzjoni tal-investment privat biex jitravwem l-irkupru ekonomiku), ir-rakkomandazzjoni 3.4 tal-2020 (it-tnaqqis tal-emissjonijiet fis-settur tat-trasport), u r-rakkomandazzjoni 1.2 tal-2022 (l-espansjoni tal-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali).

- (6) Il-preżentazzjoni tal-RRP modifikat segwiet proċess ta' konsultazzjoni, imwettaq f'konformità mal-qafas legali nazzjonali, bl-involviment ta' awtoritajiet lokali u reġjonali, sħab soċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra. Is-sommarju tal-konsultazzjonijiet ġie ppreżentat flimkien mal-RRP nazzjonali modifikat. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP modifikat, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness V ta' dak ir-Regolament.

Aġġornamenti bbażati fuq l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241

- (7) L-RRP modifikat ippreżentat minn Franza jaġġorna 13-il miżura biex titqies il-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. Franza spjegat li, minħabba li l-kontribuzzjoni finanzjarja massima naqset minn EUR 39 368 318 474¹ għal EUR 37 448 495 278², ma għadux possibbli li jiġu ffinanzjati l-miżuri kollha tal-RRP oriġinali. Investiment wieħed tneħħa għal ammont totali ta' EUR 250 miljun, u 12-il investiment tnaqqsu għal ammont totali ta' EUR 1 662 miljun. Franza spjegat li ċerti miżuri għandhom jitneħħew jew jitnaqqsu minħabba t-tnaqqis fl-allokkazzjoni u li xi wħud għandhom jitnaqqsu minħabba t-tnaqqis fl-allokkazzjoni u ċ-ċirkostanzi oġġettivi li jaffettwaw l-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

¹ Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Franza tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

² Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokkazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Franza tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

- (8) L-RRP modifikat ma għadux jinkludi l-investiment C5.I1 (Fondi ta' investiment reġjonali) li jikkontribwixxi għal “fond ta' fondi” li għandu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività u l-kapaċità ta' investiment tal-SMEs, taħt il-komponent 5 (Appoġġ għan-negozji). Għalhekk jenħtieġ li d-deskrizzjoni ta' dik il-miżura u tal-istadju importanti u l-mira assoċjati magħha jitneħħew mid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021.

- (9) Barra minn hekk, l-RRP modifikat ippreżentat minn Franza jibdel il-miżuri taħt il-komponenti 2 (Ekoloġija u bijodiversità), 3 (Infrastruttura u mobilità ekoloġika), 4 (Enerġiji u teknoloġiji ekoloġiċi), 6 (Is-sovranità teknoloġika u r-reżiljenza), 7 (Id-diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-intrapriżi, il-kultura) u 8 (Protezzjoni tal-impjiegi, żgħażaġh, diżabilità, taħriġ vokazzjonali) biex jirrifletti l-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata. B' mod partikolari, il-miżuri li ġejjin inbidlu biex jitnaqqas il-livell ta' implimentazzjoni meħtieġ meta mqabbel mal-RRP oriġinali, sabiex jirriflettu t-tnaqqis fl-allokazzjoni: parti mill-investment C2.I6 (networks tal-ilma siguri) li jikkonċerna t-trattament tal-ħama tad-dranaġġ taħt il-komponent 2 (Ekoloġija u bijodiversità), mingħajr ebda impatt dirett fuq il-mira relatata; parti mill-investment C3.I2 (Appoġġ għax-xiri ta' vetturi nodfa) li tikkonċerna l-bonus ekoloġiku għax-xiri ta' vetturi heavy-duty nodfa, inkluż it-tneħħija tal-mira 3-17 taħt il-komponent 3 (Infrastruttura u mobilità ekoloġika); l-ewwel submiżura ta' investment C4.I2 (Żvilupp tal-idroġenu dekarbonizzat) li tikkonċerna l-istabbiliment ta' mekkaniżmu li jappoġġa l-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju, inkluż it-tneħħija tal-miri 4-5, 4-6 u 4-7; investment C4.I3 (Pjan ta' appoġġ għas-settur ajrunawtiku), inkluż it-tnaqqis tal-miri 4-10 u 4-12, taħt il-komponent 4 (Enerġiji u teknoloġiji ekoloġiċi); investment C6.I1 (Il-preservazzjoni tal-impjiegi RuŻ), inkluż it-tnaqqis tal-mira 6-4 taħt il-komponent 6 (Is-sovranità u r-reżiljenza teknoloġika); parti mill-investment C7.I1 (Aġġornament diġitali tal-kumpaniji), inkluż it-tnaqqis tal-mira 7-16; tliet submiżuri ta' investment C7.I1.1 (Appoġġ għas-setturi kulturali u r-rinnovazzjonijiet tal-patrimonju, jiġifieri l-Pjan tas-Settur tal-Istampa, il-Pjan tas-Settur tal-Kotba u l-Pjan għas-Settur taċ-Ċinema, inkluż it-tneħħija tal-istadji importanti 7-32, 7-33 u 7-34, taħt il-komponent 7 (Id-diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-intrapriżi, il-kultura); investment C8.I2 (Taħriġ mill-ġdid permezz ta' programmi ta' taħriġ doppju (Pro-A), inkluż it-tnaqqis tal-mira 8-9; investment C8.I6 (Ħolqien ta' impjiegi għaż-żgħażaġh fis-settur tal-isport), inkluż it-tnaqqis tal-mira 8-13; investment C8.I9 (Garanziji sostnuti mill-Istat għal self lill-istudenti), inkluż it-tnaqqis tal-mira 8-16; investment C8.I10 (Perkorsi personalizzati personali għaż-żgħażaġh fl-età ta' bejn is-16 u t-18 sena li ma josservawx ir-rekwiżiti tat-taħriġ), u l-investment C8.I18 (Kontenut edukattiv diġitali: pjattaformi għall-kontenut diġitali), inkluż it-tnaqqis tal-miri 8-25 u 8-26 taħt il-komponent 8 (Protezzjoni tal-impjiegi, żgħażaġh, diżabilità, taħriġ vokazzjonali).

- (10) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa minn Franza jiġġustifikaw l-aġġornament skont l-Artikolu 18(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (11) L-emendi għall-RRP ippreżentati minn Franza minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 18-il miżura.
- (12) Franza spjegat li żewġ miżuri ma għadhomx totalment possibbli, minħabba li l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista u l-inflazzjoni għolja wasslu għal problemi fl-implimentazzjoni, b'impatt fuq il-miri relatati tagħhom. Franza għalhekk ippreżentat emendi għal RRP sabiex tnaqqas il-mira 7.28 tal-investment C7.I11 (Appoġġ għas-setturi kulturali u r-rinnovazzjonijiet tal-patrimonju) taħt il-komponent 7 (Id-diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-intrapriżi, il-kultura) u tnaqqas il-mira 9.12 tal-investment C9.I3 (Rinnovazzjoni tal-istabbilimenti medikali u soċjali) taħt il-komponent 9 (Riċerka, saħħa u dipendenza, koeżjoni territorjali). Abbażi ta' dan, Franza talbet li l-miri msemmija hawn fuq jitnaqqsu u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (13) Franza spjegat li l-investment C8.I22 (żieda fir-riżorsi ta' Pôle Emploi) taħt il-komponent 8 (Protezzjoni tal-impjiegi, żgħażaġh, diżabbiltà, taħriġ vokazzjonali) ma għadux jista' jinkiseb għalkollox fil-format oriġinali tiegħu, minħabba li l-kriżi tal-COVID-19 wasslet għall-ħtieġa li jiġu mmodifikati ċerti aspetti tal-miżuri, mingħajr ebda impatt dirett fuq il-mira relatata tal-miżura. Abbażi ta' dan, Franza talbet li d-deskrizzjoni tal-investment C8.I22 (żieda fir-riżorsi ta' Pôle Emploi) taħt il-komponent 8 (Protezzjoni tal-impjiegi, żgħażaġh, diżabbiltà, taħriġ vokazzjonali) tiġi emendata, Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (14) Franza spjegat li l-investment C8.I7 (boarding schools għall-eċċellenza) taħt il-komponent 8 (Protezzjoni tal-impjiegi, żgħażaġh, diżabbiltà, taħriġ vokazzjonali) ma għadux jista' jinkiseb fl-iskeda ta' żmien tal-RRP oriġinali, minħabba li l-kriżi tal-COVID-19 u l-interruzzjonijiet fil-katina tal-provvista wasslu għal dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni. Franza għalhekk ippreżentat emendi għal RRP sabiex il-mira 8-14 tiġi posposta u biex tibdel id-deskrizzjoni tal-investment C8.I7 (boarding schools għall-eċċellenza) taħt il-komponent 8 (Protezzjoni tal-impjiegi, żgħażaġh, diżabbiltà, taħriġ vokazzjonali). Abbażi ta' dan, Franza talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tiġi estiża u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

- (15) Franza spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament fl-iskeda ta' żmien oriġinali, minħabba l-inflazzjoni għolja. Franza għalhekk ippreżentat emendi għal RRP sabiex tibdel id-deskrizzjoni tal-investment C3.I5 (Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-Istat) u biex i l-mira 3-30 tal-investment C3.I6 (Ekoloġizzazzjoni tal-portijiet) taħt il-komponent 3 (L-infrastruttura u l-mobbiltà ekoloġika) tiġi posposta u biex timmodifika l-miri 9-8 u 9-9 tal-investment C9.I2 (Modernizzazzjoni u ristrutturar tal-isptarijiet u l-provvista tal-kura) taħt il-komponent 9 (Riċerka, Saħħa u Dipendenza, Koeżjoni territorjali). Abbażi ta' dan, Franza talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-miri msemmija hawn fuq tiġi emendata u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (16) Franza spjegat li tliet miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament fil-forma oriġinali tagħhom minħabba li diffikultajiet legali jew tekniċi mhux mistennija wasslu għall-ħtieġa li jiġu emendati jew abbandunati ċerti aspetti tal-miżuri sabiex jiġu implimentati soluzzjonijiet aktar adegwati jew effiċjenti. Franza għalhekk ippreżentat emendi għal RRP sabiex tibdel l-istadju importanti 1-2 u d-deskrizzjoni tar-riforma C1.R1 (riforma tad-djar) taħt il-komponent 1 (Ir-rinnovazzjoni tal-bini), biex tibdel l-istadju importanti 6-8 u d-deskrizzjoni tal-investment C6.I3 (appoġġ għal negozji innovattivi) taħt il-komponent 6 (Is-sovranià teknoloġika u r-reżiljenza), u biex tibdel il-mira 7-21 tal-investment C7.I4 (Aġġornament diġitali tal-ID Diġitali tal-Istat) taħt il-komponent 7 (Id-diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-intrapriżi, il-kultura). Abbażi ta' dan, Franza talbet li l-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq jiġu emendati u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fu. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (17) Franza spjegat li erba' miżuri ma għadhomx jistgħu jinkisbu kompletament minħabba li diffikultajiet legali jew tekniċi mhux mistennija wasslu għal dewmien sinifikanti fl-implimentazzjoni tal-miżura, mingħajr ebda impatt fuq l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Franza għalhekk ippreżentat emendi għal RRP sabiex tiddel id-deskrizzjoni tal-investment C1.I2 (Rinnovazzjoni tal-enerġija u riabilitazzjoni maġġuri tal-akkomodazzjoni soċjali) taħt il-komponent 1 (Rinnovazzjoni tal-bini), biex taġġusta l-istadju 2-3 tar-riforma C2.R2 (Il-liġi dwar l-ekonomija ċirkolari), li għaliha ġie introdott stadju importanti addizzjonali 2-3 bis, biex tiddel id-deskrizzjoni tal-investment C2.I5 (Prevenzjoni ta' riskji sismiċi fid-DOM (Antilles)) taħt il-komponent 2 (Ekoloġija u bijodiversità) u biex tipposponi l-mira 7-30 tal-investment C7.I11 (Appoġġ għas-setturi kulturali u r-rinnovazzjonijiet tal-patrimonju) taħt il-komponent 7 (Id-diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-intrapriżi, il-kultura). Abbażi ta' dan, Franza talbet li l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tal-istadji importanti u l-miri msemmija hawn fuq tiġi estiża u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fuq. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (18) Franza spjegat li erba' miżuri ġew modifikati biex jimplimentaw alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali tal-miżura. Franza għalhekk ippreżentat emendi għal RRP sabiex tbiddel id-deskrizzjoni tal-miżura u tal-istadju importanti 1-3 tar-riforma C1.R2 (regolazzjoni termali) taħt il-komponent 1 (Rinnovazzjoni tal-bini), li għaliha ġie introdott stadju importanti addizzjonali 1–3 bis; biex tbiddel id-deskrizzjoni tar-riforma C2.R1 (Liġi dwar il-Klima u r-Reżiljenza) taħt il-komponent 2 (Ekoloġija u l-Bijodiversità); biex tneħħi l-istadju importanti relatat 2-2, li rriżulta irrilevanti u li huwa sostitwit b'mira relatata mal-għadd ta' żoni b'emissjonijiet baxxi fil-bliet, li jirrifletti l-livell ta' implimentazzjoni ta' dik ir-riforma; biex tbiddel id-deskrizzjoni tal-investment C7.I8 (Kontinwità amministrattiva: titjib diġitali tal-amministrazzjoni tas-sistema edukattiva) taħt il-komponent 7 (Id-diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-intrapriżi, il-kultura) biex tirrifletti bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura; u biex tbiddel id-deskrizzjoni tal-investment C8.I6 (Folqien ta' impjiegi għaż-żgħażaġh fis-settur tal-isport) taħt il-komponent 8 (Protezzjoni tal-impjiegi, żgħażaġh, diżabilità, taħriġ vokazzjonali) biex jirrifletti bidla fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura. Abbażi ta' dan, Franza talbet li l-istadji importanti msemmija hawn fuq jiġu emendati juw miżjuda u li jsiru l-bidliet imsemmija hawn fu. Jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata skont dan.

- (19) Franza talbet li tizzied l-ambizzjoni ta' miżura waħda biex ittejjeb il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tagħha. Franza għalhekk ippreżentat emendi għal RRP sabiex tbiddel id-deskrizzjoni tal-istadju importanti 7-14a tal-miżura C7.R5 (Valutazzjoni tal-kwalità tal-infiq pubbliku) taħt il-komponent 7 (Id-diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-intrapriżi, il-kultura). Abbażi ta' dan, Franza talbet li l-istadju importanti ta' din il-miżura jiżded mal-RRP. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.
- (20) Il-Kummissjoni tqis li r-raġunijiet imressqa minn Franza jiġġustifikaw l-emenda skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Korrezzjonijiet ta' żbalji materjali

- (21) Ġew identifikati 69 żball klerikali fit-test tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, li jaffettwaw 27 stadju importanti u miri u 45 miżura. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata biex tikkoreġi dawk l-iżbalji klerikali li ma jirriflettux il-kontenut tal-RRP ippreżentat lill-Kummissjoni fl-21 ta' April 2021, kif maqbul bejn il-Kummissjoni u Franza. Dawk l-iżbalji klerikali huma relatati mal-miżuri C1.R2, C1.I1 u C1.I2, u l-istadju importanti 1-13 tal-miżura C1.I4 taħt il-komponent 1 (Rinnovazzjoni tal-bini); il-miżuri C2.I4, C2.I7, C2.I8, il-mira 2-16 tal-miżura C2.I9 taħt il-komponent 2 (Ekoloġija u Bijodiversità); il-miżura C3.I1, il-miżura C3.I3, il-miżura C3.I4 u l-istadju importanti 3-26, il-miżura C3.I6 u l-mira 3-30 u l-istadju importanti 3-31 u l-miżura C3.I7 u l-istadju importanti 3-32 taħt il-komponent 3 (Infrastruttura u mobilità ekoloġika); il-miżura C4.I3 u l-mira 4-11 taħt il-komponent 4 (Enerġiji u teknoloġiji ekoloġiċi); l-istadju importanti 5-2 u l-miżura C5.R2 taħt il-komponent 5 (Appoġġ għan-negozji); il-miżurai C6.R1 u C6.I4 tal-komponent 6 (Sovranità teknoloġika u reżiljenza); l-istadji importanti 7-1 u 7-2 tal-miżura C7.R1, il-mira 7-16 tal-miżura C7.I1, il-mira 7-18 tal-miżura C7.I2, il-mira 7-23 u l-miżura C7.I6, il-miżuri C7.I7 u C7.I9, l-istadji importanti 7-31 u l-miżura C7.I11 taħt il-komponent 7 (Diġitalizzazzjoni tal-Istat, it-territorji, l-intrapriżi, il-kultura); il-miżura C8.R1, il-mira 8-7 tal-miżura C8.R4, il-mira 8-8 u l-miżura C8.I1, il-miżura C8.I6, il-miżura C8.I7, il-mira 8-17 u l-miżura C8.I10, il-mira 8-18 tal-miżura C8.I11, il-mira 8-20 u l-miżura C8.I13, il-mira 8-21 u l-miżura C8.I14, il-miżura C8.I17, il-mira 8-27 u l-miżura C8.I19, il-mira 8-28 u l-miżura C8.I20, il-mira 8-30 tal-miżura C8.I21, il-miżura C8.I22 taħt il-komponent 8 (Protezzjoni tal-impjiegi, zgħażaġh, diżabbiltà, taħriġ vokazzjonali); il-miżura C9.I1, il-miri 9-7, 9-8, 9-9 u 9-10 u l-miżura C9.I2, il-miżuri C9.I4, C9.I5, C9.I6 u C9.I7 taħt il-komponent 9 (Riċerka, saħħa u dipendenza, koeżjoni territorjali). Barra minn hekk, żewġ żbalji klerikali huma inklużi fid-deskrizzjoni tal-komponent 3 (Infrastruttura u mobilità ekoloġika) u l-komponent 8 (Protezzjoni tal-impjiegi, zgħażaġh, diżabbiltà, taħriġ vokazzjonali). Dawk il-korrezzjonijiet ma jaffettwawx l-implimentazzjoni tal-miżuri kkonċernati.

- (22) Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi tliet riformi ġodda u tliet investimenti ġodda. Ir-riformi jikkonċernaw il-liġi adottata dan l-aħħar dwar l-aċċellerazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli, il-“pjan ta’ moderazzjoni fl-użu tal-enerġija”, li ġie adottat f’Ottubru 2022 u li għandu l-għan li jnaqqas il-konsum tal-enerġija b’ 10 % sal-2024 (meta mqabbel max-xitwa 2018-2019), u t-twaqqif ta’ Segretarjat Ġenerali għall-Ippjanar Ekoloġiku. Dawn ir-riformi jikkontribwixxu b’mod effettiv għall-oġġettivi ta’ REPowerEU, kif stabbiliti fl-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-liġi dwar l-enerġija rinnovabbli tiffaċilita l-għoti ta’ permessi u tiddefinixxi “żoni ta’ aċċellerazzjoni” li jwasslu għall-użu rapidu ta’ sorsi ta’ enerġija rinnovabbli, biex b’hekk tikkontribwixxi għall-ekoloġizzazzjoni tat-taħlita tal-enerġija u biex iżżid il-produzzjoni tal-elettriku. Il-“pjan ta’ moderazzjoni fl-użu tal-enerġija” jikkontribwixxi għat-tnaqqis ġenerali tal-konsum tal-enerġija fi Franza u jgħin biex tinkiseb sigurtà immedjata tal-provvista. Bir-rwol tiegħu ta’ ppjanar u koordinazzjoni, is-Segretarjat Ġenerali jmexxi l-istrateġiji nazzjonali fil-qasam tat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluż il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku bir-rieżami tal-iskemi ta’ appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-enerġija ta’ unitajiet domestiċi modesti.

- (23) Tliet investimenti ġodda taħt il-kapitolu REPowerEU jinkludu (a) id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija, (b) il-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u ħieles mill-fjuwils fossili, u (c) ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku li jappartjeni għall-Istat. L-ewwel investiment jappoġġa l-produzzjoni tas-sħana industrijali bbażata fuq il-bijomassa sabiex jiġu sostitwiti l-fjuwils fossili, l-effiċjenza enerġetika u l-proċessi ta' produzzjoni li qed jinbidlu fis-settur industrijali, biex b'hekk jikkontribwixxi għall-oġġettiv stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241. It-tieni investiment jappoġġa erba' proġetti magħżula bħala proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni (IPCEIs) (important projects of common European interest) li jikkontribwixxu għall-iżvilupp u l-produzzjoni ta' vetturi utilitarji ħfief li jużaw l-idroġenu, għall-manifattura ta' komponenti u teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil tal-idroġenu għall-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli u ħieles mill-fjuwils fossili, f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punti (b) u (e), ta' dak ir-Regolament. It-tielet investiment jappoġġa r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku li jappartjeni għall-Istat bl-għan li jitnaqqas, fuq terminu qasir ħafna, il-konsum tal-enerġija u d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili tal-istokk tal-bini tal-Istat, f'konformità mal-Artikolu 21c(3), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament.
- (24) Il-Kapitolu REPowerEU jinkludi wkoll miżura awmentata waħda taħt il-komponent 1 (rinnovazzjoni tal-bini): ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tad-djar privati, inkluż l-għeriebel termali. Din il-miżura awmentata inkluża fil-kapitolu REPowerEU tintroduċi titjib sostantiv fil-livell ta' ambizzjoni tal-investiment diġà inkluż fl-RRP nazzjonali: l-iskema ta' appoġġ imsejħa "MaPrimeRenov", li tiffinanzja r-rinnovazzjoni tal-enerġija tad-djar privati bħalissa u li qed tiġi riveduta sabiex tittejjeb l-effiċjenza enerġetika tax-xogħlijiet ta-rinnovazzjoni u titħaffef l-eliminazzjoni gradwali tal-għeriebel termali.

- (25) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu tar-REPowerEU skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

Rispons ibbilanċjat li jikkontribwixxi għas-sitt pilastr

- (26) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (a), u mal-kriterju 2.1 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jirrappreżenta fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) rispons komprensiv u bbilanċjat b'mod adegwat għas-sitwazzjoni ekonomika u soċjali, u b'hekk jikkontribwixxi b'mod xieraq għas-sitt pilastr kollha msemmija fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament, filwaqt li jitqiesu l-isfidi speċifiċi ffaċċjati mill-Istat Membru kkonċernat u l-allokkazzjoni finanzjarja għalih.
- (27) Il-firxa ta' azzjonijiet tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU tikkorrispondi għall-oġġettivi tal-Faċilità b'bilanċ ġenerali xieraq bejn il-pilastr. L-allokkazzjonijiet għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali (ta' 49,5 % u 21,6 %, rispettivament) jaqbru r-rekwiżiti tar-Regolament (UE) 2021/241 (ta' 37 % u 20 %, rispettivament), u għalhekk il-RRP modifikat jikkontribwixxi għal dawn il-pilastr b'mod sinifikanti.

L-indirizzar tal-isfidi kollha jew ta' subsett sinifikanti ta' sfidi identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż

- (28) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b), u mal-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi kollha jew subsett sinifikanti minnhom (klassifikazzjoni A) identifikati fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati lil Franza, inkluż l-aspetti fiskali tagħhom, jew l-isfidi identifikati f' dokumenti rilevanti oħra adottati uffiċjalment mill-Kummissjoni fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fl-2019, l-2020 u l-2022. B'mod partikolari, l-RRP modifikat iqis ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija tal-2022.
- (29) L-RRP modifikat jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li jikkontribwixxu biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi ekonomiċi u soċjali kollha jew subsett sinifikanti minnhom deskritti fir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż indirizzati lil Franza mill-Kunsill fil-kuntest tas-Semestru Ewropew fl-2019 u l-2020, b'mod partikolari biex titrawwem l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol u jiġi indirizzati in-nuqqas ta' ħiliet (ir-rakkomandazzjoni 2 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni 2 tal-2020); tittejjeb il-konnettività fit-territorju kollu (ir-rakkomandazzjoni 3.3 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni 3.7 tal-2020); tiżdied ir-reżiljenza tas-sistema tas-saħħa (ir-rakkomandazzjoni 1.2 tal-2020); jitnaqqsu l-emissjonijiet fis-settur tat-trasport (ir-rakkomandazzjoni 3.4 tal-2020); ikun hemm investimenti u jiġu ssimplifikati r-R&Ż (ir-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2019 u r-rakkomandazzjoni 3.8 tal-2020).

- (30) Il-Kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-ambizzjoni tal-RRP fir-rigward tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti indirizzati fil-qasam tal-enerġija u tat-tranżizzjoni ekoloġika. B'mod partikolari, l-isforzi fl-effiċjenza enerġetika u fit-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili (ir-rakkomandazzjoni 3.2 tal-2019, ir-rakkomandazzjoni 3.5 tal-2020, ir-rakkomandazzjoni 4.1 tal-2022, ir-rakkomandazzjoni 4.3 tal-2022) għandhom jiżdiedu b'mod konsiderevoli biż-żieda u bil-miżuri l-ġodda dwar ir-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini (akkomodazzjoni privata u bini tal-Istat), kif ukoll id-dekarbonizzazzjoni tal-industrija (il-miżura “industrija ħielsa mill-fjuwils fossili”). L-IPCEI dwar l-idroġenu huwa mistenni wkoll li jikkontribwixxi għall-iżvilupp u ż-żieda tad-domanda għal sorsi ta' enerġija rinnovabbli (ir-rakkomandazzjoni 3.2 tal-2019, ir-rakkomandazzjoni 3.5 tal-2020, u r-rakkomandazzjoni 4.2 tal-2022) u għad-dekarbonizzazzjoni tat-trasport (ir-rakkomandazzjoni 3.4 tal-2020). Il-liġi dwar l-aċċellerazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli hija mistennija li tikkontribwixxi biex trawwem l-użu ta' enerġiji rinnovabbli u ttejjeb il-qafas legali, kif imsemmi fiir-rakkomandazzjoni 4.2 tal-2022.
- (31) It-tneħħija tas-submiżura “appoġġ għall-produzzjoni tal-idroġenu dekarbonizzat” (submiżura ta' C4.I2) hija kontrobalanċjata minn proġetti addizzjonali fis-settur tal-idroġenu taħt il-kapitolu REPowerEU. Dawk il-proġetti huma mistennija li jikkontribwixxu indirettament għat-trawwim tal-użu tal-enerġiji rinnovabbli billi jżidu d-domanda, u b'hekk jikkontribwixxu għar-r-rakkomandazzjoni 3.2 tal-2019 u -rakkomandazzjoni 3.5 tal-2020. Fil-valutazzjoni inizjali tal-RRP, il-miżura mneħħija “kontribuzzjoni għall-fondi ta' investiment reġjonali” (C5.I1) tqieset li kienet rilevanti fir-rigward tal-kisba tar-rakkomandazzjoni 3.1 tal-2020. Din l-isfida bħalissa hija vvalutata bħala “implimentata bis-sħiħ” u għalhekk ma titqiesx bħala rilevanti għall-valutazzjoni riveduta tal-RRP.

- (32) L-RRP modifikat jinkludi stadju importanti addizzjonali dwar il-valutazzjoni annwali tal-miżuri meħuda biex tittejjeb il-kwalità tal-infiq pubbliku (l-objettiv intermedju 7-14b), mistennija sal-2025. Dan huwa mistenni li jipprovi aktar assigurazzjoni dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-mekkaniżmu l-ġdid ta' rieżami tal-infiq ta' Franza, biex jiġi żgurat li, mill-2023, l-evalwazzjonijiet regolari tan-nefqa pubblika jitwettqu kif xieraq u r-riżultati tagħhom jiġu kkunsidrati fil-liġijiet finanzjarji, sabiex jissarrfu f'iffrankar fl-infiq u titjib fl-effiċjenza.
- (33) Billi jindirizza l-isfidi msemmija hawn fuq, l-RRP modifikat huwa mistenni li jikkontribwixxi wkoll għall-korrezzjoni tal-iżbilanċi, kif identifikat fir-rakkomandazzjonijiet li saru skont l-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011¹ fl-2019 u fl-2020 li Franza qed tesperjenza, b'mod partikolari fir-rigward tad-dejn pubbliku għoli u d-dinamika dgħajfa tal-kompetittività f'kuntest ta' tkabbir baxx fil-produttività.

Kontribuzzjoni għall-potenzjal tat-tkabbir, għall-ħolqien tal-impjiegi u għar-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali

- (34) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jkollu impatt għoli (klassifikazzjoni A) fuq it-tisħiħ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali ta' Franza, li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġh, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk jissaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni.

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1176/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2011 dwar il-prevenzjoni u l-korrezzjoni tal-iżbilanċi makroekonomiċi (ĠU L 306, 23.11.2011, p. 25).

- (35) Il-valutazzjoni inizjali tal-RRP, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (c), u mal-kriterju 2.3 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241 sabet li l-RRP huwa mistenni li jkollu impatt għoli fuq it-tishiġ tal-potenzjal tat-tkabbir, il-ħolqien tal-impjiegi, u r-reżiljenza ekonomika, soċjali u istituzzjonali ta' Franza, fuq il-kontribut għall-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' politiki għat-tfal u ż-żgħażaġġ, u fuq il-mitigazzjoni tal-impatt ekonomiku u soċjali tal-kriżi tal-COVID-19, u b'hekk jissaħħu l-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali u l-konverġenza fl-Unjoni. (klassifikazzjoni A).
- (36) Simulazzjonijiet mis-servizzi tal-Kummissjoni juru li l-RRP, flimkien mal-bqija tal-miżuri tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru, għandu l-potenzjal li jżid il-PDG ta' Franza minn 0,3 għal 0,7 sal-2026, bl-esklużjoni tal-impatt pożittiv possibbli tar-riformi strutturali, li jista' jkun sostanzjali.
- (37) Il-RRP, kif adottat, kien jinkludi investimenti u riformi sinifikanti biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjali u jittejbu l-koeżjoni soċjali u l-integrazzjoni ta' xi gruppi vulnerabbli (żgħażaġġ żvantaġġati, persuni b'diżabilità u anzjani). Biex irawmu l-kisbiet edukattivi u l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, il-miżuri kienu jinkludu b'mod partikolari appoġġ għall-apprendistati, sussidji mmirati għar-reklutaġġ, programmi għall-prevenzjoni tat-tluq bikri mill-edukazzjoni u t-taħriġ, l-iżvilupp ta' boarding schools, appoġġ għas-servizz pubbliku tal-impjiegi u tal-investimenti fl-aċċess għal opportunitajiet ta' titjib tal-ħiliet u ta' taħriġ mill-ġdid, skont il-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol. Biex jiġi appoġġat l-aċċess għas-servizzi tas-saħħa, il-RRP adottat kien jinkludi wkoll investimenti fil-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-sistema tas-saħħa. Xi investimenti, bħal fir-rinnovazzjoni tal-akkomodazzjoni soċjali, kienu mmirati lejn it-tnaqqis ta l-faqar enerġetiku.

- (38) Bħala parti mill-emenda tal-RRP, il-pakkett iddedikat għal xi wħud mill-investimenti soċjali u tal-impjiegi msemmija hawn fuq tnaqqas u ħalla impatt fuq l-eżitu mistenni tagħhom b’mod proporzjonat. Il-miri emendati jirriflettu dawk il-bidliet. Madankollu, il-valutazzjoni pożittiva inizjali tal-impatt soċjali tal-RRP fuq il-koeżjoni soċjali tibqa’ l-istess. B’mod partikolari, il-RRP għadu jindirizza l-isfidi soċjali u tal-impjiegi rilevanti bħaż-żieda fl-impjiegi, it-tiġid tal-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, u ż-żieda fil-ħiliet tal-forza tax-xogħol.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (39) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u mal-kriterju 2.4 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura għall-implimentazzjoni ta’ riformi u proġetti ta’ investiment inklużi f’dan l-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-oġettivi ambjentali (klassifikazzjoni A)skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (40) Il-bidliet introdotti fil-miżuri permezz tar-rieżami tal-RRP ma jaffettwawx il-valutazzjoni mwettqa għall-verżjoni oriġinali tal-RRP, li tibqa’ l-istess.

¹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta’ qafas biex jiġi ffaċilitat l-investiment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13).

- (41) Fir-rigward tar-riformi u l-investimenti l-ġodda introdotti fil-kapitolu REPowerEU, Franza pprovdiet valutazzjoni sistematika ta' kull miżura b'referenza għall-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”, skont il-metodoloġija stabbilita fil-gwida teknika pprovduta fl-Avviż tal-Kummissjoni intitolat “Gwida teknika dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” skont ir-Regolament dwar il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza”¹, inkluż spjegazzjoni dwar kif jiġu applikati l-qafas leġislativi eżistenti tal-Unjoni u dak Franċiż li jikkonċernaw il-prinċiplju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta, jista' jiġi konkluż li l-RRP modifikat huwa mistenni li jiżgura li l-ebda miżura ma tagħmel ħsara sinifikanti.

Kontribuzzjoni għall-oġettivi ta' REPowerEU

- (42) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da) u mal-kriterju 2.12 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

¹ ĠU C 58, 18.2.2021, p. 1.

(43) L-implimentazzjoni tal-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU hija mistennija li tikkontribwixxi b'mod partikolari għall-appoġġ tal-oġġettivi fil-punti (b) u (e) tal-Artikolu 21c(3) tar-Regolament (UE) 2021/241. Bl-espansjoni tal-miżura C1.II Rinnovazzjoni tal-enerġija tad-djar privati (il-miżura C10.I4) u biż-żieda ta' miżura ġdida dwar ir-rinnovazzjoni tal-bini pubbliku li jappartjeni għall-Istat bl-oġġettiv ta' terminu qasir ħafna li titnaqqas id-domanda għall-enerġija sax-xitwa 2023-2024 (C10.I3), u bl-introduzzjoni ta' riforma ġdida bl-għan li jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tas-setturi kollha fi Franza (*Plan de sobriété énergétique*), il-kapitolu REPowerEU saħħaħ l-ambizzjoni li l-effiċjenza enerġetika fil-bini tittejjeb b'mod effettiv f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punt (b), tar-Regolament (UE) 2021/241. B'mod partikolari, l-espansjoni tal-miżuri rigward ir-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' bini privat (C1.II), b'MaPrimeRenov tipprovdi kopertura aħjar għall-unitajiet domestiċi vulnerabbli, se tgħin, flimkien mal-“Pjan ta' Moderazzjoni fl-Użu tal-Enerġija” l-ġdid, biex jiġi indirizzat il-faqar enerġetiku, f'konformità mal-oġġettiv stabbilit fl-Artikolu 21c(3), il-punt (c), tar-Regolament (EU) 2021/241. Il-miżura “Industrija ħielsa mill-fjuwils fossili” għandha l-għan li taċċellera d-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u tindirizza l-oġġettiv mill-artikolu 21c (3), il-punti (b) u (d), tar-Regolament (EU) 2021/241. L-erba' proġetti inklużi fl-IPCEI dwar l-idroġenu għandhom l-għan li jikkontribwixxu għaż-żieda fil-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli u ħieles mill-fjuwils fossili u jikkontribwixxu għall-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) u (e), ta' dak ir-Regolament. Bl-introduzzjoni ta' riforma li għandha l-għan li tissimplifika l-proċeduri għall-għoti ta' permessi għall-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, il-RRP għandu l-għan li jħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli u jikkontribwixxi għall-oġġettiv stabbilit fl-Artikolu 21c (3), il-punt (b), ta' dak ir-Regolament, jiġifieri d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni billi jżid is-sehem u jaċċellera l-użu tal-enerġija rinnovabbli. Il-ħolqien ta' Segretarjat Ġenerali għall-Ippjanar Ekoloġiku (General Secretariat for Ecological Planning, SGPE) huwa mistenni wkoll li jżid il-konsistenza tal-politika u jtejjeb il-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġiji nazzjonali għall-klima u l-enerġija, filwaqt li jiżgura l-konformità mal-impenji Ewropej ta' Franza.

- (44) Il-Kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-impenn ta' Franza li tnaqqas l-emissjonijiet ta' gassijiet serra. Il-miżuri jsaħħu dawk inklużi fl-RRP oriġinali dwar l-effiċjenza enerġetika, billi jżidu l-pass għar-rinnovazzjoni tal-enerġija kemm għall-unitajiet domestiċi kif ukoll għall-industrija.
- (45) Il-Kapitolu REPowerEU jindirizza wkoll il-ħtieġa ta' diversifikazzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili billi jitħaffef l-użu tal-enerġija rinnovabbli u tiġi appoġġata l-innovazzjoni għall-adozzjoni tal-idroġenu ħieles mill-fjuwils fossili u rinnovabbli, u b'hekk tiżdied is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija ta' Franza.

Miżuri b'dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali

- (46) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (db), u mal-kriterju 2.13 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-miżuri inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) li jkollhom dimensjoni jew effett transfruntier jew multinazzjonali.
- (47) L- "IPCEI dwar l-idroġenu" huwa proġett b'dimensjoni transfruntiera u multinazzjonali, bl-eċċezzjoni tal-proġett relatat mal-iżvilupp ta' vetturi b'emissjonijiet żero. Barra minn hekk, bl-investment relatat mar-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-bini pubbliku, u l-miżura awmentata C10.I4 (Rinnovazzjoni enerġetika tad-djar privati), l-RRP rivedut jikkontribwixxi biex jiżdied il-pass tar-rinnovazzjoni tal-bini bl-għan li titnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u titnaqqas id-domanda għall-enerġija. Dawk il-miżuri huma kkomplementati mill-proġett "Industrija fossili żero", li għandu wkoll l-għan li jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili u li jnaqqas id-domanda għall-enerġija tas-settur tal-industrija.
- (48) Il-kostijiet totali ta' dawn il-miżuri jammontaw għal total ta' EUR 2,6 biljun li jirrappreżentaw aktar minn 30 % tal-kostijiet stmati tal-kapitolu REPowerEU.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika inkluż il-bijodiversità

- (49) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), u mal-kriterju 2.5 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 49,5 % tal-allokkazzjoni totali tal-RRP u 91,6 % tal-ispejjeż totali stmati tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkulati f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 ta' dak ir-Regolament, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021-2030.
- (50) Il-miżuri rtirati jew imnaqqsa ma għandhomx impatt fuq l-ambizzjoni ġenerali tal-RRP rigward it-tranżizzjoni ekoloġika, filwaqt li l-kapitolu REPowerEU jagħti kontribut sinifikanti biex tiġi appoġġata aktar it-tranżizzjoni ekoloġika ta' Franza, peress li r-riformi u l-investimenti kollha jikkontribwixxu b'mod integrali għat-tnaqqis tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili, għaż-żieda fl-effiċjenza enerġetika u għat-titjib tal-qafas regolatorju li jippermetti l-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima.
- (51) L-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jkompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, kif ukoll għall-kisba tal-miri klimatiċi tal-Unjoni għall-2030 filwaqt li jikkonforma mal-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-Unjoni sal-2050.

Kontribut għat-tranżizzjoni diġitali

- (52) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u mal-kriterju 2.6 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-biċċa l-kbira għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jammontaw għal ammont li jirrappreżenta 21,6 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP modifikata kkalkulata f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (53) Ir-rieżami tal-RRP ma għandux impatt fuq l-ambizzjoni tiegħu fir-rigward tat-tranżizzjoni diġitali u ma għandux impatt fuq il-valutazzjoni inizjali. L-RRP modifikat jkompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali tan-negozji u l-amministrazzjoni pubblika kif ukoll għaż-żieda fil-ħiliet diġitali tal-forza tax-xogħol, l-istudenti u tal-popolazzjoni ġenerali, b'impatt dejjiemi mistenni.

Impatt dejjiemi

- (54) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jkollu impatt dejjiemi fuq Franza fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A).
- (55) Il-valutazzjoni inizjali tal-RRP, f'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (g), u mal-kriterju 2.7 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241 sabet li l-RRP kien mistenni li fil-biċċa l-kbira jkollu impatt fit-tul fuq Franza (klassifikazzjoni A).

- (56) Il-RRP tal-RRP modifikat ma jnaqqasx l-ambizzjoni tal-RRP inizjali kollu kemm hu. Huwa jqis it-tnaqqis fl-allokazzjoni, l-impatt fit-tul tal-kriżi tal-COVID-19, l-inflazzjoni u t-tfixkil fil-katina tal-provvista, kif ukoll xi diffikultajiet legali u tekniċi mhux mistennija u d-disponibbiltà ta' alternattivi aħjar għall-implimentazzjoni ta' xi miżuri. Jinkludi wkoll kapitolu ġdid REPowerEU li, minbarra l-miżuri eżistenti, huwa mistenni wkoll li jkollu effetti pożittivi dejjiema fuq l-ekonomija Franċiża u jkompli jagħti spinta lit-tranżizzjoni ekoloġika tagħha. B'mod partikolari, il-miżuri ta' REPowerEU huma mistennija li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika billi jappoġġaw l-isforz ta' dekarbonizzazzjoni ta' Franza, it-tranżizzjoni tal-enerġija u t-tnaqqis tad-dipendenza enerġetika tagħha. Il-miżuri ta' REPowerEU għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija u r-rinnovazzjoni tal-enerġija tad-djar privati, u tal-bini pubbliku huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra u l-faqar enerġetiku. Il-Kapitolu REPowerEU għandu jikkontribwixxi wkoll għall-finanzjament tal-IPCEI dwar l-idroġenu, li jikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-perkors tal-produzzjoni u tal-konsum tal-enerġija rinnovabbli u tal-idroġenu ħieles mill-fjuwils fossili b'impatt fit-tul mistenni fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet fit-tul. Il-miżura awmentata fil-kapitolu REPowerEU tal-RRP rivedut tgħin ukoll biex jiġu estenzi l-ambizzjonijiet ta' tranżizzjoni ekoloġika ta' Franza billi tippromwovi r-rinnovazzjoni tal-enerġija tal-akkomodazzjoni privata (C1.I1). L-impatt fit-tul tal-RRP jista' jissaħħa ukoll permezz ta' sinerġiji bejn l-RRP u programmi oħra, inklużi dawk iffinanzjati minn fondi tal-politika ta' koeżjoni, b'mod partikolari billi jiġu indirizzati b'mod sostantiv l-isfidi territorjali u jiġi promoss iżvilupp ibbilanċjat.

- (57) Ir-riformi inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma mistennija li jkollhom impatt dejjiemi fuq Franza billi jgħinu biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija tas-setturi kollha fi Franza skont “il-pjan ta’ moderazzjoni fl-użu tal-enerġija” (*Plan de sobriété énergétique*), billi jissimplifikaw il-proċeduri tal-permessi għas-sorsi ta’ enerġija rinnovabbli fl-ambitu tal-liġi dwar l-aċċellerazzjoni tal-produzzjoni tal-enerġija rinnovabbli (*Loi d'accélération de la production des énergies renouvelables*), u jistabilixxu s-Segretarjat Ġenerali għall-Ippjanar Ekoloġiku (Segretarjat Ġenerali għall-Ippjanar Ekoloġiku - General Secretariat for Ecological Planning, SGPE), iżidu l-konsistenza politika u jappoġġaw l-impenn ta’ Franza għall-oġettivi Ewropej.

Monitoraġġ u implimentazzjoni

- (58) F’konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (h), u mal-kriterju 2.8 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU huma adegwati (klassifikazzjoni A) biex jiżguraw monitoraġġ u implimentazzjoni effettivi tal-RRP, inkluż l-iskeda ta’ żmien prevista, l-istadji importanti u l-miri, u l-indikaturi relatati.
- (59) In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ta’ Franza ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni preċedenti tal-monitoraġġ u l-implimentazzjoni effettivi tal-RRP. L-istadji importanti u l-miri li jakkumpanjaw il-miżuri modifikati, inklużi dawk fil-kapitolu REPowerEU, huma ċari u realistiċi u l-indikaturi proposti għal dawk l-istadji importanti u l-miri huma rilevanti, aċċettabbli u robusti.

Estimi tal-prezzijiet

- (60) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-kriterju 2.9 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni mogħtija fl-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP hija moderatament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (61) Għall-valutazzjoni tal-ispejjeż tal-RRP oriġinali fl-2021, Franza ġeneralment ipprovdiet tqassim tal-kostijiet għall-miżuri, b'referenzi għal proġetti jew studji simili preċedenti mwettqa biex jiġġustifikaw iċ-ċifri tal-ispejjeż u spjegazzjonijiet adegwati tal-metodoloġija użata biex jiġu stabbiliti l-kostijiet totali. Il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP oriġinali dwar l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP kienet moderatament raġonevoli u plawżibbli, kienet f'konformità mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u kienet proporzjonata għall-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni u kisbet klassifikazzjoni "B" f'dak iż-żmien.

(62) Għall-miżuri li tnaqqsu fil-RRP rivedut biex jiġi indirizzat it-tnaqqis fl-allokazzjoni (l-Artikolu 18 tar-Regolament RRF), l-ispejjeż modifikati ġew ivvalutati jekk it-tnaqqis tal-ispejjeż stmati ma kienx proporzjonali għat-tnaqqis fl-istadji importanti jew fil-miri rilevanti. Franza ġeneralment ipprovdiet metodoloġiji ta' kwalità tajba u dokumentazzjoni ta' sostenn bi prova li l-modifiki fl-ispejjeż kienu raġonevoli u plawżibbli. Dan kien jikkonċerna l-miżuri C2.I6 (Networks tal-ilma siguri), C7.I1 (Aġġornament diġitali tal-kumpaniji), C8.I6 (Ħolqien ta' impjiegi għaż-żgħażaġh fl-isport), C8.I9 (Garanziji sostnuti mill-Istat għal self lill-istudenti), C8.I10 (Korsijiet personalizzati għaż-żgħażaġh NEET ta' età bejn is-16 u t-18 sena), C8.I2 (Taħriġ mill-ġdid permezz ta' programmi ta' taħriġ doppju (Pro A)), u C8.I18 (Kontenut edukattiv diġitali: pjattaformi għall-kontenut diġitali). Żewġ miżuri C4.I3 (Pjan ta' appoġġ għas-settur ajrunawtiku) u C6.I1 (Il-preservazzjoni tal-impjiegi RuĴ), tnaqqsu b'ammont proporzjonali għall-mira l-ġdida jew riveduta. Miżuri jew submiżuri sħaħ - (is-submiżura għal vetturi heavy-duty tal-miżura C3.I2 (Appoġġ għal vetturi nodfa); il-mekkaniżmu ta' produzzjoni tal-miżura C4.I2 (Żvilupp tal-idroġenu dekarbonizzat); il-mekkaniżmu ta' produzzjoni tal-miżura C5.I1 (Fondi ta' investiment reġjonali); u l-pjanijiet tas-settur tal-istampa, tal-kotba u taċ-ċinema mill-miżura C7.I11 (Kultura) - ġew irtirati bi spejjeż identifikati sew fil-valutazzjoni inizjali. Għall-miżuri fejn id-deskrizzjoni jew il-mira ġiet riveduta, għar-raġuni ta' bidla fl-ispejjeż meta mqabbla mal-RRP inizjali (eż. l-inflazzjoni), Franza pprovdiet kalkoli dettaljati u evidenza ta' sostenn għall-bidliet. Dan kien il-każ tal-miżura C3.I5 (Ekoloġizzazzjoni tal-flotta tal-karozzi tal-Istat), is-submiżura "Katidrali u monumenti storiċi nazzjonali" tal-miżura C7.I11 (Kultura), u l-miżura C9.I3 (Rinnovazzjoni tal-istabbilimenti medikali u soċjali). Għall-miżuri fil-kapitolu REPowerEU, il-valutazzjoni tal-istimi tal-ispejjeż u tad-dokumenti ta' sostenn turi li l-biċċa l-kbira tal-kostijiet huma raġonevoli u plawżibbli. Intwera li l-ispejjeż tal-miżura awmentata kienu proporzjonali. Ġiet ipprovduta ġustifikazzjoni sħiħa tal-ispejjeż għall-miżuri l-ġodda. Madankollu, il-fatt li xi drabi l-metodoloġija użata ma tkunx spjegata tajjeb biżżejjed u r-rabta bejn il-ġustifikazzjoni, l-evidenza ta' sostenn u l-ispiża innifisha mhijiex kompletament ċara u dan jipprekludi klassifikazzjoni A għal dan il-kriterju ta' valutazzjoni. Finalment, l-ispiża totali stmata tal-RRP hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (63) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-kriterju 2.10 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP inizjali tqiesu adegwati (klassifikazzjoni A) biex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jintużaw il-fondi previsti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti kienu mistennija jevitaw b' mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħra tal-Unjoni. In-natura u l-firxa tal-modifiki proposti għall-RRP ta' Franza ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjonijiet pożittivi peress li l-investimenti u r-riformi l-ġodda inklużi fil-kapitolu REPowerEU għandhom ikunu soġġetti għall-istess proċeduri ta' awditjar u ta' kontroll bħal dawk attwalment fis-seħħ għall-miżuri l-oħra tal-RRP. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u għodod oħra għall-promozzjoni u l-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹.

Koerenza tal-RRP

- (64) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (k), u mal-kriterju 2.11 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU jinkludi fil-biċċa l-kbira (klassifikazzjoni A) miżuri għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investiment pubbliku li jirrappreżentaw azzjonijiet koerenti.

¹ Ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 1).

- (65) L-RRP Franċiż oriġinali huwa strutturat madwar disa' komponenti koerenti, li jappoġġaw l-objettivi komuni li jstimulaw l-irkupru tal-ekonomija Franċiża, li jikkontribwixxu għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u li jżidu r-reżiljenza ta' Franza. Għalhekk, l-RRP jikkontribwixxi għat-tkabbir sostenibbli u inklużiv ta' Franza. Kull komponent huwa mibni madwar pakketti konsistenti kemm ta' riformi kif ukoll ta' investimenti, b'miżuri li jsaħħu lil xulxin jew jikkumplimentaw lil xulxin. Jeżistu wkoll sinerġiji fid-diversi komponenti u l-ebda miżura ma tikkontradixxi jew timmina l-effettività ta' oħra.
- (66) Il-modifika temenda d-disa' komponenti eżistenti u żżid komponent addizzjonali l-għaxar komponent, il-kapitolu REPowerEU. Il-modifiki li saru lill-kapitoli eżistenti ma jbidlux il-koerenza ġenerali tal-RRP, meta jitqies il-mod kif il-komponenti jsaħħu lil xulxin u jikkomplementaw lil xulxin. Il-komponent addizzjonali relatat mal-objettivi ta' REPowerEU isaħħaħ il-koerenza ġenerali tal-RRP peress li jinkludi miżuri ġodda u estiżi tat-tliet assi komplementari ffukati fuq l-enerġija. Dawn it-tliet assi huma: l-iżvilupp ta' teknoloġiji innovattivi tal-idroġenu, l-investiment fl-effiċjenza enerġetika tal-bini u l-promozzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-industrija ħielsa mill-fjuwils fossili. Il-komponenti tal-RRP modifikat huma mibnija madwar pakketti konsistenti kemm ta' riformi kif ukoll ta' investimenti.

Proċess ta' konsultazzjoni

- (67) F'konformità mal-qafas legali nazzjonali tagħha, Franza wettqet sensiela ta' konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex tiddiskuti l-emendi għar-Regolament (UE) 2021/241 kif ukoll il-kontenut tal-RRP modifikat tiegħu. L-awtoritajiet lokali u reġjonali ġew ikkonsultati formalment dwar ir-riformi u l-investimenti previsti taħt il-kapitolu REPowerEU l-ġdid fit-30 ta' Marzu 2023. L-imsieħba soċjali, inklużi r-rappreżentanti tal-organizzazzjonijiet professjonali, ġew ikkonsultati wkoll fl-istess jum permezz tal-Kunsill Ekonomiku, Soċjali u Ambjentali (Economic, Social and Environmental Council, CESE) u l-Kumitat ta' Djalogu Soċjali għall-Affarijiet Ewropej u Internazzjonali (Social Dialogue Committee for European and International Affairs, CDSEI).
- (68) Sabiex tiġi żgurata s-sjieda mill-atturi rilevanti, huwa kruċjali li jiġu involuti l-awtoritajiet lokali u l-partijiet ikkonċernati kollha, inkluż is-sħab soċjali, matul l-implimentazzjoni tal-investimenti u r-riformi inklużi fl-RRP modifikat, inkluż il-kapitolu REPowerEU.

Valutazzjoni pożittiva

- (69) Wara l-valutazzjoni pożittiva tal-Kummissjoni dwar l-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, skont l-Artikolu 20(2) u l-Anness V ta' dak ir-Regolament, din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tistabbilixxi r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont magħmul disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU fil-forma ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (70) L-ispejjeż totali stmati tal-RRP modifikat inkluż il-kapitolu REPowerEU ta' Franza huma ta' EUR 41 864 370 141. Peress li l-ammont tal-ispejjeż totali stmati tal-RRP modifikat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Franza, il-kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11 allokata għall-RRP modifikat ta' Franza inkluż il-kapitolu REPowerEU jenħtieġ li tkun ugwali għall-ammont totali tal-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għall-RRP modifikat ta' Franza inkluż il-kapitolu REPowerEU. Dan l-ammont huwa ta' EUR 37 448 495 278.
- (71) Skont l-Artikolu 21a(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, fl-20 ta' April 2023 Franza ressqet talba għall-allokazzjoni tad-dħul imsemmi fl-Artikolu 21a(1) ta' dak ir-Regolament, kondiviż bejn l-Istati Membri abbażi tal-indikaturi stabbiliti fil-metodoloġija msemmija fl-Anness IVa tar-Regolament (UE) 2021/241. L-ispejjeż totali stmati tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punti (b) sa (f), tar-Regolament (UE) Nru 2021/241 inklużi fil-kapitolu REPowerEU huma ta' EUR 2 826 330 141. Peress li dan l-ammont huwa oġġla mis-sehem tal-allokazzjoni disponibbli għal Franza, l-appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli disponibbli għal Franza jenħtieġ li jkun ugwali għas-sehem tal-allokazzjoni. Dan l-ammont huwa ta' EUR 2 317 477 900.

- (72) Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹, fl-1 ta' Marzu 2023 Franza ppreżentat talba motivata biex tittrasferixxi parti mill-allokkazzjoni proviżorja li jifdal tagħha mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit lill-Faċilità, li tammonta għal EUR 504 000 000. Dak l-ammont jenħtieġ li jsir disponibbli biex jappoġġa r-riformi u l-investimenti fil-kapitolu REPowerEU bħala appoġġ finanzjarju addizzjonali mhux ripagabbli. L-ammont diġà mħallas bħala prefinanzjament għandu jkun disponibbli ladarba jiġi rkuprat.
- (73) Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali disponibbli għal Franza għandha tkun ta' EUR 40 269 973 178.

Prefinanzjament ta' REPowerEU

- (74) Franza talbet il-finanzjament li ġej għall-implimentazzjoni tal-kapitolu REPowerEU tagħha: EUR 2 821 477 900 fil-forma ta' kontribuzzjoni finanzjarja kkalkulata f'konformità mal-Artikolu 11, trasferiment ta' EUR 504 000 000 mill-allokkazzjoni proviżorja mir-riżorsi tar-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, u EUR 2 317 477 900 mid-dħul mill-Iskema għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet skont id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill².

¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1).

² Id-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ottubru 2003 li tistabbilixxi sistema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra ġewwa l-Unjoni u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 96/61/KE (ĠU L 275, 25.10.2003, p. 32).

- (75) Għal dawk l-ammonti, skont l-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241, fl-20 ta' April 2023 Franza talbet prefinanzjament ta' 20 % tal-finanzjament mitlub. Soġġett għar-riżorsi disponibbli, jenħtieġ li dak il-prefinanzjament jitqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Franza soġġett għad-dħul fis-seħħ tal-ftehim li għandu jiġi konkluż bejn il-Kummissjoni u Franza skont l-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 u f'konformità miegħu.
- (76) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza tiġi emendata skont dan. Għal raġunijiet ta' ċarezza, jenħtieġ li l-Anness ta' dik id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni jiġi sostitwit kompletament,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Franza huwa emendat kif ġej:

L-Artikolu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-RRP

Il-valutazzjoni tal-RRP modifikat ta' Franza fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata. Ir-riformi u l-proġetti ta' investiment skont l-RRP, l-arranġamenti u l-iskeda ta' żmien għall-monitoraġġ u l-implimentazzjoni tal-RRP, inkluż l-istadji importanti u l-miri rilevanti, l-indikaturi rilevanti marbuta mal-issodisfar tal-istadji importanti u l-miri previsti, u l-arranġamenti biex il-Kummissjoni tagħti aċċess sħiħ għad-*data* rilevanti sottostanti huma stabbiliti fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

(2) fl-Artikolu 2, il-paragrafi 1 u 2 huma sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Franza kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' appoġġ li ma jitħallasx lura li jammonta għal EUR 40 269 973 178*. Dik il-kontribuzzjoni tinkludi:

(a) ammont ta' EUR 24 323 387 303, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment sal-31 ta' Diċembru 2022.

- (b) ammont ta' EUR 13 125 107 975, li għandu jkun disponibbli biex jiġi impenjat legalment mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023;
 - (c) ammont ta' EUR 2 317 477 900**, f'konformità mal-Artikolu 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241, esklużivament għall-miżuri kif msemmija fl-Artikolu 21c(3) ta' dak ir-Regolament, bl-eċċezzjoni tal-miżuri kif msemmija fl-Artikolu 21c(3), il-punt (a), ta' dak ir-Regolament;
 - (d) ammont ta' EUR 504 000 000, trasferit mir-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit għall-Faċilità, li minnhom l-ammont diġà mħallas bħala prefinanzjament skont ir-Regolament (UE) 2021/1755 għandu jkun disponibbli ladarba jiġi rkuprat.
2. Il-kontribuzzjoni finanzjarja tal-Unjoni għandha ssir disponibbli mill-Kummissjoni għal Franza fi ħlasijiet parzjali f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni. Ammont ta' EUR 4 868 304 386 għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2021/241. Il-Kummissjoni tista' tiżborża l-prefinanzjament u ħlasijiet parzjali f'segment wieħed jew f'diversi segmenti. Id-daqs tas-segmenti għandu jkun soġġett għad-disponibbiltà tal-finanzjament.
- Ammont ta' EUR 564 295 580 għandu jitqiegħed għad-dispożizzjoni bħala prefinanzjament f'konformità mal-Artikolu 21d tar-Regolament (UE) 2021/241. Dak il-prefinanzjament jista' jiġi żborżat mill-Kummissjoni f'massimu ta' żewġ pagamenti.

* Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Franza tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.

** Dan l-ammont jikkorrispondi għall-allokazzjoni finanzjarja wara t-tnaqqis tas-sehem proporzjonali ta' Franza tal-ispejjeż imsemmija fl-Artikolu 6(2) tar-Regolament (UE) 2021/241, ikkalkulata skont il-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament.”;

(3) l-Anness huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Franza.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President